

# Vleġġa Kkargata

Adrian Grima

Sa A Schembri
Skola St. Joseph, Tas-Sliema

Trid tismagħha għaddejja minn ġo fik
il-poeżija,
titla’ bla rispetti minn ġo żaqqek,
ftit ’il fuq minn imsarnek,
timlielek il-pulmuni.
Tħossha taqtgħek,
tromba tal-arja terfagħlek il-kustilji,
u sidrek,
u qalbek.





Tismagħha tvenven trid

il-poeżija.

Tvenvnek naqra naqra-

tkun trid titvenven magħha.

Qisha tivvalenak,

tielgħa bla ħniena minn ġo

sidrek,

bħar-rabja ġol-għajta.



Imbagħad tħalli warajha ftit

arja kkargata,

ir-regħda tat-tvenvina,

il-ħoss qiegħed jivvibra.

Tagħmel li trid il-poeżija,

mgħassda l'hi,

riħ ta' vleġġa tvenven fl-arja.